**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' l-Għasri**

**It-Tmien Leġislatura**

**Laqgħa Nru. 60**

Il-Ġimgħa 26 ta' Jannar, 2024

Il-Kunsill Lokali ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

---

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Is-Sur Emanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| | Is-Sinjuri Salvatore Felice Pace | - Kunsillier |
| | Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - Kunsillier |
| | Is-Sur Sammy Saliba | - Kunsillier |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

Is-Sur Silvio Xerri - Aġent Segretarju Eżekuttiv

## 60.1 Talba

60.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Daniel Attard.

## 60.2 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

60.2.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 60.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

60.3.1 Il-minuti tal-laqgħa numru 59 ġew ċirkolati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew approvati unanimament.

## 60.4 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza

60.4.1 *Email* mingħand The Exterminator Malta Re Contraceptive Fee For Feral Pigeon, fejn inġibdet l-attenzjoni li l-kuntratt preċedenti skada. Il-Kunsilliera qablu li tali kuntratt għandu jerġa jiġi mġedded.

60.4.2 Is-Sindku ġie avviċinat minn persuna li jixtieq jagħmel *feature* fuq l-Għasri. Ta' tali feature, qed tintalab is-somma ta' mitejn ewro (€200). Il-Kunsilliera qablu li din il-persuna titqabbad sabiex isir tali *feature.*

60.4.3 Is-Sindku nforma li ġie avviċinat minn persuna li tixtieq tibda tieħu ħsieb is-*social media* tal-kunsill permezz ta' paga mensili. Il-Kunsilliera ma qablux ma tali ngaġġ u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv nfurmhom li tali proposta ma tistax tiġi aċċettata.

## 60.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

60.5.1 Il-Kunsillier Salvu Felice Pace saqsa rigward is-CCTV. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li għad jonqos xi proċeduri u ser jinbeda l-proċess tal-offerti.

## 60.6 Baġit 2024

60.6.1 Ser isir Draft tal-Baġit 2024 sabiex jiġi approvat.

## 60.7 Materji Oħra

60.7.1 Ġie rappreżentant 'Tal-Fuklar Folk Group' sabiex jippromwovi t-tradizzjoni u l-folklor fil-komunita' b'attenzjoni għaż-żgħażagħ u ż-żgħar. Huwa rappreżentant ukoll tal-'Allegro Clefs Band' u 'Kantera'. Il-Kunsilliera qablu li għandha tiġi mibgħuta lista tal-attivitajiet li jistgħu jsiru sabiex jiġu

evalwati u jkun jista' jinħareġ avviż relatat ma' tali attivita'. Il-Kunsillera qablu wkoll li għall-ikla tal-festa nhar il-31 ta' Mejju 2024, għandha tiġi mqabbda tali band/group sabiex tanima s-serata.

60.7.2 Għandu jinħareġ avviż relatat mal-power assisted pedal cycles sabiex ir-residenti ta' bejn is-16 u t-18-il sena jkunu jistgħu japplikaw għal tali skema mnedija.

60.7.3 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ġie kkuntattjat mill-Bank of Valletta rigward kont bankarju li huwa *dormant* u li fih ammont żgħir ta' flus. Il-Kunsilliera qablu li tali kont bankarju għandu jingħalaq.

60.7.4 Il-Kunsillier Sammy Saliba nforma lill-kunsilliera li x-xogħolijiet li għad fadal isiru/jitranġaw fil-*playing field* għandhom jibdew daqt.

60.7.5 Il-Kunsillier Salvu Felice Pace rrefera għall-iskema l-ġdida dwar l-artijiet li jgħaddu għand il-kunsill, u għalhekk il-kunsilliera qablu li hemm biċċa art fi Triq il-Fanal, li l-Kunsill għandu japplika għaliha.

60.7.6 Resident talab li jsiru *double lines* quddiem ir-residenza tiegħu fi Triq Wied Sara peress li qed jipparkjaw quddiem tali residenza u ma jkunx jista' jgħaddi bit-trukk. Il-Kunsill approva li jsiru tali *double lines* u għandu jintalab permess minn *Transport Malta*.

60.7.7 Resident fi Triq Wied Sara talab li titranġa r-rampa li qiegħda quddiem ir-residenza tiegħu. Il-Kunsilliera qablu li ssir laqgħa fuq il-post sabiex tiġi diskussa mal-perit u mal-kuntrattur.

60.7.8 Residenta nfurmat lill-kunsilliera li l-kuntrattur għamel xi ħsara fil-bankina ta' quddiem ir-residenza tagħha għadu ma marx jirranġa tali ħsara u li għalhekk il-kunsilliera qablu li jekk tali bankina ma titranġax fi żmien ħmistax, għandu jitqabbad kuntrattur ieħor sabiex tali bankina titranġa.

60.7.9 Il-Kunsill ippropona li jiġi organizzat *weekend break* bejn is-16 ta' Frar 2024 u t-18 ta' Frar 2024.

60.7.10 Kien hemm diversi lmenti rigward l-graffiti li hemm mal-kamra tal-enemalta. Il-Kunsilliera qablu li jitqabbdu l-ħaddiema sabiex inaddfu tali graffiti.

60.7.11 Intalab li jsir First Aid Course u għalhekk għanda sisr komunikazzjoni ma tal-Jobs Plus sabiex tali kors ikun jista' jsir.

60.7.12 Għandha tiġi organizzata ikla għall-atturi li ħadu sehem fil-play tal-Milied

nhar il-Hadd 4 ta' Frar 2024. Il-Kunsillier Sammy Saliba ppropona wkoll li għandu jsir festin żgħir għat-tfal iż-żgħar li ħadu sehem fil-play. Ġie propost li ssir attivita' għalihom jew jittieħdu l-McDonalds u l-ispejjeż ikunu a karigu tal-kunsill.

60.7.13 Resident fi trejqa fi Triq Wied l-Għasri talab li jsir ftit *concrete* f'parti ta' din it-trejqa peress li l-istess trejqa ġiet tiżloq. Il-Kunsilliera qablu li l-kuntrattur jagħmel il-konkos f'tali trejqa.

60.7.14 Resident fi Triq it-Tamar irrimarka li hemm ħajt li hemm parti minnu li qiegħda fil-periklu li taqa'. Il-Kunsilliera qablu li għandu jitqabbad il-kuntrattur sabiex titranġa din il-parti.

## 60.8 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti

60.8.1 Ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti numru 8-57.

## 60.9 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

60.9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8:30 ta' filgħaxija. Sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 19 ta' Frar, 2024 fis-7:00 ta' filgħaxija.

Ikkonfermati t-Tnejn, 19 ta' Frar 2024

**Dr. Daniel Attard**
**Sindku**

**Silvio Xerri**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**